

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 976/2007

tal-21 ta' Awwissu 2007

li jstipula għas-sena tas-suq 2007/2008, l-ammonti ta' l-għajjnuna għat-tkabbir ta' l-għeneb maħsub għall-produzzjoni ta' ċerti varjetajiet ta' żbib u ta' l-għajjnuna biex jiġihawlu mill-ġdid il-vinji milquta mill-filossera

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

(4) Hemm lok li tiġi determinata l-għajjnuna għat-tkabbir ta' l-għeneb imsemmi, għas-sena tas-suq 2007/2008.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(5) Hemm ukoll lok li tiġi determinata l-għajjnuna li għandha tiġi konċessa lill-produtturi li jiżirgħu mill-ġdid il-vinji tagħhom biex jikkumbattu l-filossera, fil-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-artikolu 7(5) tiegħu,

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Prodotti Proċessati mill-Frott u l-Ħxejjex,

Billi:

(1) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 jstabbilixxi l-kriterji għad-determinazzjoni ta' l-għajjnuna għat-tkabbir ta' l-għeneb maħsub għall-produzzjoni taż-żbib tal-varjetajiet sultana, Muscatel u passolina.

(2) It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 jipprovdi għall-possibbiltà ta' varjazzjoni fl-għajjnuna, skond il-varjetà ta' l-għeneb. Jistipula wkoll li dan l-ammont jista' jvarja minħabba fatturi oħra li jistgħu jolqtu l-produzzjoni. Fil-każ tas-sultana, hemm lok għalhekk li tiġi stipulata varjazzjoni supplimentari għaż-żoni milquta mill-filossera u żoni oħrajn.

(3) Għas-sena tas-suq 2006/2007, il-verifika taż-żoni allokatu għat-tkabbir ta' l-għeneb, regolati bl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96, ma turix li nqabeż il-limitu taż-żoni massimi garantiti bl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1621/1999 tat-22 ta' Lulju 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-għajjnuna tat-tkabbir ta' l-għeneb biex jipproduċi ċerti varjetajiet ta' għeneb imqadded⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-att relattiv għall-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u għall-adozzjoni tat-trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005 p. 203).

⁽²⁾ ĠU L 192, 24.7.1999, p. 21. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1880/2001 (ĠU L 258, 27.9.2001, p. 14).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għas-sena tas-suq 2007/2008, l-għajjnuna għat-tkabbir regolata bl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 ġiet iffissata għal:

- (a) 2 603 EUR għal kull ettaru ta' żona kultivata bl-għeneb tal-varjetà sultana, milquta mill-filossera jew imħawla mill-ġdid anqas minn ħames snin ilu;
- (b) 3 569 EUR għal kull ettaru ta' żona kultivata bl-għeneb tal-varjetà sultana;
- (ċ) 3 391 EUR għal kull ettaru ta' żona kultivata bil-passolina;
- (d) 969 EUR għal kull ettaru ta' żona kultivata bl-għeneb tal-varjetà Muscatel.

2. Għas-sena tas-suq 2007/2008, l-għajjnuna għat-tħawwil mill-ġdid stabbilita bl-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 gje iffissata għal 3 917 EUR għal kull ettaru.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Awwissu 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni
